31992R3615

L 367/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 16.12.1992

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3615/92

## tal-15 ta' Diċembru 1992

## fuq id-determinazzjoni tal-kwantitajiet ta' prodotti agrikoli li għandhom jitqiesu għall-kalkolu ta' rifużjonijiet pagabbli fil-każ ta' esportazzjoni ta' oġġetti msemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3035/80

IL-KUMMISSJONI TAL–KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u prodotti tal-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2071/92 [2], u partikolarment l-Artikolu 17(4) tiegħu u għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolamenti l-oħra fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3035/80 tal-11 ta' Novembru 1980 li jippreskrivi għal ċerti prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness II tat-Trattat, regoli ġenerali dwar l-għoti ta' rifużjonijiet u l-kriterji għall-iffissar ta' l-ammonti tagħhom [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3381/90 [4],

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3035/80 jipprovdi għal rifużjonijiet biex jingħataw fuq esportazzonijiet ta' ċerti prodotti agrikoli użati fil-manifattura ta' ċerti oġġetti mhux koperti bl-Anness II tat-Trattat; billi fir-rigward ta' esportazzjonijiet ta' oġġetti elenkati fl-Anness B ta' dak ir-Regolament, l-Artikolu 3 tiegħu jipprovdi li r-rifużjoni tista' tingħata fir-rigward tal-kwantità tal-prodott agrikolu wżat fil-manifattura ta' oġġetti esportati;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 3035/80 kien adottat fl-applikazzjoni ta' ċerti Regolamenti tal-Kunsill fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, inkluż Regolament (KEE) Nru 804/68; billi l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 u l-Artikoli korrispondenti tar-Regolamenti bażiċi oħra jipprovdu li d-differenza bejn il-prezzijiet ġewwa l-Komunità u l-prezzijiet fis-suq dinji għall-prodotti agrikoli in kwistjoni jistgħu jkunu koperti b'rifużjoni safejn hu meħtieġ biex tippermetti li l-prodotti ikunu esportati fil-forma ta' ċerti oġġetti mhux koperti bl-Anness II tat-Trattat;

Billi, bħala konsegwenza, biex jikkwalifikaw għal rifużjoni l-prodotti agrikoli wżati u partikolarment l-oġġetti manifatturati minn dawk il-prodotti għandhom għalhekk ikunu esportati; billi kull eċċezzjoni għal din ir-regola għandha tingħata tifsira restrittiva;

Billi, iżda, matul il-proċess ta' manifattura ta' l-imsemmija oġġetti, il-produtturi inevitabbilment ikollhom telf ta' materji prima minn fejn il-prezzijiet tal-Komunità ikunu tħallsu waqt li t-telf tal-produtturi stabbiliti barra l-Komunità huma limitati għall-prezzijiet tas-suq dinji;

Billi l-kunċett ta' prodotti attwalment użati fil-proċess ta' manifattura ta' l-oġġetti esportati rċieva interpretazzjonijiet differenti fi Stati Membri; billi l-Qorti ta' l-Awdituri fir-Rapport Annwali tagħha [5] għamlet osservazzjonijiet dwar telf konsistenti fil-ġestjoni;

Billi jeħtieġ li jkunu provduti regoli komuni għad-determinazzjoni tal-kunċett tal-kwantità ta' prodotti agrikoli attwalment użati fil-proċess tal-manifattura ta' oġġetti esportati;

Billi matul il-proċess ta' manifattura ċerti sottoprodotti ta' oġġetti jinkisbu li huma differenti sewwa mill-prodotti prinċipali; billi ħafna minn dawn is-sottoprodotti jistgħu jintużaw biss bħala għalf għall-annimali;

Billi l-miżuri preskritti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjonijiet tal-kumitati kollha ta' ġestjoni konċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-għanijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3035/80:

1. Il-kwantitajiet ta' prodotti agrikoli attwalment użati fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3035/80 jistgħu jkunu dikjarati b'referenza għal lista depożitata ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' manifattura jew ta' l-esportazzjoni;

2. għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

   (a) "telf" ifisser il-kwantitajiet ta' prodotti jew oġġetti li jirriżultaw mill-proċess ta' manifattura taħt konsiderazzjoni, mill-istadju fejn prodotti agrikoli huma wżati mhux ipproċessati fil-manifattura, li ma jkunux il-kwantitajiet ta' oġġetti li huma attwalment esportati, li ma jkunux ir-residwi msemmija taħt (b) u is-sottoprodotti msemmija taħt (ċ), u li jistgħux ikunu kummerċjalizzati,

[1] ĠU L 148, 28.6.1968, p. 13.
[2] ĠU L 215, 30.7.1992, p. 64.
[3] ĠU L 323, 29.11.1980, p. 27.
[4] ĠU L 327, 27.11.1990, p. 4.
[5] ĠU Ċ 324, 13.12.1991, p. 1.

(b) "residwi" tfisser prodotti tal-proċess ta' manifattura taħt konsiderazzjoni, ta' komposizzjonijiet distintament differenti minn oġġetti attwalment esportati u li ma jistgħux ikunu kummerċjalizzati,

(ċ) "sottoprodotti" tfisser prodotti jew oġġetti miksuba matul il-proċess taħt konsiderazzjoni, ta' komposizzjonijiet jew karatteristiċi distinti mill-oġġetti attwalment esportati u li huma kapaċi li jkunu esportati;

3. iżda għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) il-prodotti miksuba matul il-proċess ta' manifattura taħt konsiderazzjoni, ta' komposizzjoni distinta mill-oġġetti attwalment esportati, mibjugħa bi ħlas li jirrappreżenta esklussivament l-ispejjeż magħmula biex jinbiegħu, m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala għall-bejgħ,

(b) il-prodotti jew oġġetti li jirriżultaw mill-proċess ta' manifattura taħt konsiderazzjoni, u li jistgħu jinbiegħu, kemm jekk bi ħlas jew le, biss bħala għalf ta' l-annimali, għandhom ikunu assimilati mat-telf kif provdut fil-punt 2 taħt (a);

4. għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kwantitajiet ta' prodotti agrikoli attwalment użati, ir-regoli li ġejjin għandhom ikunu applikati:

(a) il-prodotti agrikoli kollha wżati fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3035/80 u li jagħtu dritt ta' rifużjoni imma li jgħibu matul il-kors normali tal-proċess ta' manifattura (per eżempju bħala fwar jew duħħan, jew bil-konverżjoni fi trab jew irmied li ma jistax ikun irkuprat) huma eliġibbli għal dik ir-rifużjoni fir-rigward tal-kwantitajiet użati,

(b) kull kwantità ta' l-oġġetti li mhumiex attwalment esportati mhix eliġibbli għar-rifużjonijiet fir-rigward tal-kwantitajiet ta' prodotti agrikoli attwalment użati, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet taħt (ċ).

Jekk dawk l-oġġetti ikollhom l-istess komposizzjoni bħal dawk attwalment esportati, għandu japplika tnaqqis fil-kwantitajiet ta' prodotti agrikoli attwalment użati fil-manifattura ta' dawn ta' l-aħħar,

(ċ) bħala deroga mill-punt (b), jista' jitqies telf ta' 2 % jew anqas fil-piż inerenti fil-produzzjoni ta' l-oġġetti. Il-limitu ta' 2 % huwa kalkolat bħala l-proporzjon tal-piż ta' materja niexfa tal-materji prima kollha wżati, wara t-tnaqqis tal-kwantitajiet msemmija taħt (a), fir-rigward tal-piż tal-materja niexfa ta' l-oġġetti attwalment esportati, jew kull metodu ieħor ta' kalkolu xieraq għall-kondizzjonijiet ta' manifattura ta' l-oġġetti. Il-limitu ta' 2 % jista' jinbidel b'wieħed ogħla taħt il-kondizzjonijiet ta' 5,

(d) meta it-telf inerenti fil-manifattura jaqbeż 2 % jew il-limitu speċifiku stabbilit skond 5, it-telf fl-eċċess mhux eliġibbli għar-rifużjonijiet fir-rigward tal-kwantitajiet ta' prodotti agrikoli attwalment użati.

L-awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri tista', iżda, taċċetta telf ogħla ġustifikat. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-każijiet fejn dan huwa applikat,

(e) il-kwantitajiet attwalment użati ta' prodotti agrikoli inkorporati fir-residwi mfissra bħal fi 2 (b) għandhom jitqiesu għall-għoti ta' rifużjonijiet,

(f) fil-każ meta jinkisbu sottoprodotti, il-kwantitajiet ta' prodotti agrikoli attwalment użati għandhom ikunu attribwiti rispettivament lill-oġġetti esportati u lis-sottoprodotti,

(g) jekk mhux possibbli li jkunu attribwiti l-prodotti agrikoli attwalment użati, lill-oġġetti esportati u lis-sottoprodotti (fejn xieraq permezz ta' analiżi), il-każ għandu jintbagħat lill-Kummissjoni għall-opinjoni tagħha. Il-Kummissjoni għandha tinforma l-Istati Membri kollha bl-opinjoni tagħha għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-armonizzazzjoni;

5. il-Kummissjoni għandha progressivament tistabbilixxi skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 u fid-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolamenti l-oħra fuq l-organizzazzjoni komuni fis-swieq agrikoli msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 3035/80, limiti ogħla speċifiċi għal ċerti oġġetti fuq il-bażi ta' komunikazzjonijiet mill-Istati Membri u ta' l-istudji magħmula fuq is-soltu telf taħt kondizzjonijiet ta' manifattura simili għall-oġġetti maħsuba għas-suq tal-Komunità.

*Artikolu 2*

1. Dan ir-Regolament għandu jgħodd għall-esportazzjoni li għaliha tintbagħat, mill-1 ta' April 1993, dikjarazzjoni ta' prodotti agrikoli attwalment użati, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3035/80. Għandu jgħodd ukoll għad-dikjarazzjoni ta' qabel, kemm jekk ġdida jew imġedda, sottomessa mill-1 ta' April 1993.

Kull dikjarazzjoni ta' esportazzjoni introdotta mill-1 ta' April 1994 li tirriferi għal dikjarazzjoni ta' qabel tal-prodotti agrikoli attwalment użati hija aċċettabbli, għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, biss jekk id-dikjarazzjoni ta' qabel kienet introdotta, imġedda jew konfermata mill-1 ta' April 1993.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mill-1 ta' April 1993 bil-miżuri adottati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-l-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, il-15 Diċembru 1992.

*Għall-Kummissjoni*
Martin BANGEMANN
*Viċi-President*